



AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD- DATA PERSONALI

—

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Dan l-avviż jispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

KUNTRATTI PUBBLIĊI

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data għal dan l-ipproċessar hija l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Qorti tal-Ġustizzja”).

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Għandna bżonn nikkonsultaw kategoriji differenti tad-data personali tiegħek, bħala kandidat/offerent kif ukoll impjegat jew subappaltatur tal-kandidat/offerent għal sejħa għal offerti, li b'mod partikolari tikkonċerna:

- l-identifikazzjoni;
- il-kuntatt;
- il-funzjoni;
- l-estratt tal-kondotta;
- iċ-ċertifikati ta' (nuqqas ta') ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew tat-taxxi;
- id-data bankarja;



- l-informazzjoni sabiex jiġu evalwati l-kriterji tal-kapaċità teknika u ekonomika (*curriculum vitae*, lista tal-kisbiet jew pubblikazzjonijiet prinċipali, dikjarazzjonijiet bankarji jew prova ta' assigurazzjoni għar-riskji professjonali) u esklużjoni (dikjarazzjoni fuq l-unur li mhux f'sitwazzjoni ta' esklużjoni).

Il-konsultazzjoni u l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' kandidatura għal sejħa għal offerti ssir għall-organizzazzjoni tal-proċedura ta' kuntratt pubbliku għax-xiri ta' oġġetti u servizzi għall-bżonnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan l-ipproċessar huwa meħtieġ sabiex jiġu osservati l-obbligi imposti bir-Regolament Finanzjarju 2018/1046 (iktar 'il quddiem ir-“RF”), b'mod partikolari l-Artikoli 136 sa 141, 160 sa 179 u l-Anness I, li jirregolaw il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet.

Kif irċevejna d-data tiegħek?

Aħna ksibna d-data tiegħek permezz ta' serje ta' dokumenti personali li inti pproduċejt lill-Qorti tal-Ġustizzja bħala parti minn kandidatura għal sejħa għal offerti.

Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

Id-data tiegħek hija aċċessibbli:

- għall-persuni li jaħdmu taħt l-awtorità tal-uffiċjal awtorizzanti kompetenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u responsabbli sabiex jassistuh fil-ġestjoni tal-proċedura għall-għoti ta' sejħa għal offerti;
- għall-membri tal-kummissjoni tal-ftuħ tal-offerti u tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti u tat-talbiet għall-parteċipazzjoni (li jistgħu jkunu ta' natura interistituzzjonali);
- għall-membri tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kuntratti Pubbliċi (KKKP);
- għal ċerti membri tal-persunal tad-Direttorat tal-Baġit u tal-Affarijiet Finanzjarji għat-tisħiħ tas-sistema ta' ġestjoni finanzjarja u kontabbiltà kif ukoll għall-verifika tar-regolarità tal-operazzjonijiet;
- għall-konsulent legali għall-affarijiet amministrattivi;
- għall-bord speċjalizzat dwar irregolaritajiet finanzjarji, konformement mal-



Artikolu 143 tar-RF;

- għall-Qorti Ġenerali kif ukoll l-avukati u l-aġenti tal-partijiet fil-każ ta' tilwima dwar il-proċedura ta' għoti tal-kuntratt, u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' appell kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali;
- għall-qorti kompetenti (normalment il-qorti Lussemburġiża) kif ukoll l-avukati tal-partijiet fil-każ ta' tilwima dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt;
- għall-President u għar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll għall-uffiċjali li jassistuhom, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt l-Artikolu 20(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- għall-awdituri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kuntest tal-kompitu fdat lilhom mill-Artikolu 287 TFUE;
- għall-pubbliku: ċerta data personali ta' min ingħata kuntratti pubbliċi għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 163 tar-RF u l-punt 3 tal-Anness I tar-RF fis-serje S tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u/jew fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Id-dokumenti relatati mal-proċeduri ta' kuntratti pubbliċi jinżammu għal perijodu ta' 10 snin li jibda jiddekorri mill-1 ta' Jannar wara s-sena li fiha jsejtni l-aħħar att ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt jew li matulu tiskadi l-garanzija konvenzjonali jew legali li minnha tibbenefika l-awtorità kontraenti fil-kuntest tal-kuntratt.

It-tul ta' żmien jista' jiġi estiż jekk tkun għaddejja verifika tal-Qorti tal-Awdituri jew tkun fis-sejtni tilwima fi tmiem il-perijodu indikat fil-paragrafu preċedenti.

Il-formoli u d-dokumenti li inti tissottometti lilna jiġu wkoll arkivjati elettronikament fis-sistema ta' kontabbiltà.

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli, għandek dritt titlob lill-kontrollur tad-data aċċess għad-data tiegħek, għar-rettifika tagħha, għat-tneħħija tagħha, jew id-dritt li titlob restrizzjoni ta' pproċessar.



Barra minn hekk, tista' tikkontesta l-ipproċessar għal raġunijiet imperattivi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Niġbdulek l-attenzjoni għall-konsegwenzi ta' talba għal tħassir, li tista' tirriżulta f'bidla tat-termini tal-offerta u twassal għal rifjut konformement mal-Artikolu 141 tar-RF.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja?

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data (il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea) bil-modi segwenti:

Indirizz elettroniku: marchespublics-contrats@curia.europa.eu

Indirizz postali: Cour de justice de l'Union européenne
L - 2925 Luxembourg

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.

Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja: Kuntatt / DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.